**Fil-Qorti tal-Magistrati(Ghawdex)**
**Superjuri Civili**

**A. Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)**
**Magistrat**

Seduta: 15 ta' Jannar 2002

Citazzjoni Numru 36/00G1(AMT)

Stella armla ta' Emanuel Farrugia,
Joseph, Raymond, Fabio u Mark
ahwa Farrugia

vs

Maltacom plc

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha l-atturi ppremettew:

" li huma l-abbonati tat-telephone bin-numru 555474 liema servizz tat-telephone qieghed fid-dar residenzjali tal-attrici Stella armla ta' Emanuel Farrugia bin-numru 23, Triq Pejpu, Kercem, Ghawdex;

Illi s-socjeta konvenuta b'ittra datata 20 ta' Jannar 2000 (dokument A) kienet infurmat lill-atturi li dana s-servizz sejjer jigi ristrett jew anke sospiz minghajr avviz iehor jekk il-kont ta' mitejn lira u wiehed u sebghin centezmu (Lm200.71) ma jithallasx;

Illi l-atturi qeghdin jikkontestaw vigorozament dan il-kont ghaliex jippretendu li fil-fatt dana m'huwiex dovut;

Illi ghalhekk l-atturi kienu kostretti li jitolbu l-ispedizzjoni tal-opportun mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess socjeta konvenuta sabiex dina tigi inibita milli b'xi mod tirristringi jew tissospendi s-servizz tat-telefone hawn fuq imsemmi, liema mandat ta' inibizzjoni jgib in-numru 10/00G3 u huwa fl-ismijiet "Stella armla ta' Emmanuel Farrugia, Joseph, Raymond, Fabio u Mark ahwa Farrugia - vs - Maltacom plc" liema mandat ta' inibizzjoni gie milqugh minn dina l-Qorti bid-digriet taghha tal-15 ta' Frar 2000.

Talbu lil Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi ghandhom kull dritt li jassiguraw illi s-servizz tat-telefone numru 555474 ma jigi bl-ebda mod ristrett jew sospiz sakemm tigi deciza finalment il-kwistjoni ta' bejn il-kontendenti dwar l-allegat kreditu li l-istess Maltacom plc qeghdha tippretendi li huwa dovut;

2. Konsegwentement tinibixxi lill-istess Maltacom plc sabiex b'xi mod tirrestringi jew tissospendi s-servizz tat-telefone bin-numru 555474.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' Inibizzjoni hawn fuq imsemmi fl-ismijiet: "Stella Farrugia et vs Maltacom plc" (Mandat numru 10/00G3 u bl-ingunzjoni ta' l-istess socjeta' konvenuta ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa hija mharka. B'riserva ghall-azzjoni ghad-danni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi, l-lista tax-xhieda taghhom u d-dokument esebit;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta li eccepiet:

1. li s-servizz telefoniku in kawza ma giex maqtugh mis-socjeta konvenuta imma mic-Chairman taghha u ghalhekk din ghandha tigi mehlusa mill-osservanza tal-gudizzju;

2 li minghajr pregudizzju ghall-premess is-socjeta konvenuta ghandha relazzjoni guridika biss ma' l-attrici Stella Farrugia billi din biss hija 's-subscriber' u ghalhekk titlob il-liberazzjoni mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' l-atturi l-ohrajn;

3 li la fic-citazzjoni u l-anqas fid-dikjarazzjoni tal-fatti ma ngiebet xi raguni l-ghala l-kont mhux dovut u ghalhekk c-citazzjoni hija nulla billi ma hemmx fiha tifsir car u sewwa tal-oggetti u r-raguni tat-talba;

4 li r-relazzjoni guridika ta' bejn l-imsemmija Stella Farrugia u s-socjeta konvenuta hi regolata mit-Telephone Service Regulations 1972 mahrugin bhala legislazzjoni sussidjarja taht l-Att XVI tal-1975 liema regolamenti baqghu fis-sehh permezz ta' l-artikolu 36(4) tal-Att XXIII tal-1997;

5. li skond il-paragrafu 20 tal-imsemmija regolamenti : "Agreement relative to telephone service - Prior to provision of any telephone service .. the subscriber .. shall sign an agreement binding himself to abide by these regulations and to pay the costs of the installation and such rentals and other charges as may from time to time be prescribed under these regulations, or, where the costs of installation , rentals or charges are not fixed under these regulations, such costs, rentals or charges as may be fixed by the Chairman".

6. li l-attrici Stella Farrugia fil-fatt iffirmat agreement skond l-imsemmi paragrafu 20 u ghalhekk hija marbuta bl-imsemmija regolamenti;

7. li skond paragrafu 52: "Payment of telephone bills –

(1) all telephone bills shall be paid within the time prescribed on the bill or any notice which may accompany the bill or is subsequently sent to the subscriber;
(2) failure on the part of the subscriber to pay any amount due within the time given to him any bill or notice may entail the disconnection of any telephone service in the subscriber's name and/or removal of the installation relative to the ammount due.
(3) Wherer any installation is disconnected owing to default of payment of any telephone bill. Reconnection shall not be made before the subscriber either pays the amount due by him or makes such arrangements for payment are acceptable to the Chairman and, moreover, pays such charge for reconnection as is prescribed under part III of the Sixth Schedule hereto;
(4) ......................
(5) any subscriber who, on receiving his telephone bill, considers that the number of calls for which he is charged in the bill are excessive and desires his meter to be tested may have his meter tested provided he first pays the uncontested part or parts of his bill'"

7. li ghalhekk ic-Chairman tas-socjeta konvenuta ghandu d-dritt moghti lilu mill-legislatur li jaqta s-servizz tat-telefon kemm-il darba ma jsirx il-hlas u l-Qorti m'ghandha ebda setgha li tnehhilu jew tillimitalu dan id-dritt u kwindi Stella Farrugia ma ghandha l-ebda interess guridiku la li titlob il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni (ghax lanqas biss ghandha xi jedd prima facie) u wisq inqas li tirrikorri ghall-Qorti sabiex filwaqt li tirrifjuta li thallas il-kontijiet minnha dovuti lill-Maltacom plc minn naha l-ohra titlob li dina l-Qorti biex tnehhi setgha espressament moghtija lic-Chairman tas-socjeta konvenuta minn hadd inqas mil-legislatur innifsu;

8. li l-attrici, kemm il-darba jidrilha li l-kont taghha huwa eccessiv, ghandha r-rimedju moghti lilha permezz tal-paragrafu 52(5) tal-imsemmija Regolamenti kif ukoll li wara li thallas il-kont tirrikorri ghall-Qorti sabiex jigi lilha rifuz kwalunkwe ammont zejjed minnha mhallas.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat ix-xhieda prodotta u d-dokumenti esebiti.

Rat il-verbali taghha tad-19 ta' Gunju 2001;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat

Il-kawzali tal-atturi hi li jibqa fis-sehh il-mandat ta' inibizzjoni li jikkolpixxi s-socjeta konvenuta fis-sens li ma jigix ristrett jew sospiz is-servizz tal-linja telefonika bin-numru 555474.

Is-socjeta konvenuta qajmet vari eccezzjonijiet li succintament huma fis-sens, li:

1. is-socjeta konvenuta mhiex l-legittima kontraditrici;

2. li l-atturi apparti Stella Farrugia m'ghandhomx locus standi fil-kawza;

3. li c-citazzjoni hija nulla billi m'hemmx fiha "tifsir car u sewwa tal-oggett u r- raguni tat-talba";

4. li l-konvenuta hija marbuta kontrattwalment, b'dan li gew resi applikabbli r-regolamenti tal-1972 dwar is-servizz tat-telefon.

Li konsiderati l-eccezzjonijiet preliminari, ossija l-ewwel tlieta, l-Qorti hi tal-fehma li ghandha tichadhom. Fir-rigward l-ewwel ma taqbilx li kellu jkun ic-Chairman tal-Maltacom li kellu jigi citat minflokk is-socjeta. L-allegata theddida li s-servizz tat-telefon kien jista jigi sospiz inharget mis-socjeta u iffirmata ghas-socjeta mill-'credit controller' taghha. Huwa ben not li llum socjeta tharrek u titharrek f'isimha. Fir-rigward it-tieni eccezzjoni, mill-istess ittra (folio 5) jirrisulta li hi giet mahruga fuq Emmanuel Farrugia l-abbonat, fid-data ta' l-20 ta' Jannar 2000, meta, kif jirrisulta mill-provi, hu kien gia mejjet. Kull presunt debitu huwa kwindi responsabbilta tal-eredi li huma, n-mankanza ta' prova kuntrarja, l-atturi. Ghal dak li jikkoncerna t-tielet eccezzjoni l-Qorti ma tara ebda bazi ghaliha stante li l-atturi permezz tal-kawza in meritu qeghdin isostnu l-jedd taghhom gia imsemmi fil-mandat ta' inibizzjoni cjoe li s-servizz tat-telefon bin-numru 555474 ma jigi bl-ebda mod ristrett jew sospiz. Ma tirriskontra ebda bazi ta' nullita f'ebda wahda mill-kazijiet postulati fl-artikolu 789 tal-Kap 12.

Li fir-rigward il-kwistjoni fuq il-mertu jirrisulta mill-provi li s-socjeta konvenuta qeghdha sostanzjalment titlob hlas jew aktar precis rifusjoni ta' ammont rigwardanti "rentals" ghall-perjodu 30 ta' Lulju 1990 sal-31 ta' Dicembru 1999 cioe mid-data tal-mewt tal-abbonat. Issa jirrisulta li l-abbonat kien impjegat tas-socjeta konvenuta (gia l-Korporazzjoni Telemalta) u bhala tali kien jibbenefika minn koncessjoni li kien esentat mill-hlas tal-kirjiet fuq is-servizz tat-telefon. Skond s-socjet konvenuta dina l-koncessjoni kienet wahda personali u ma tintiritx. L-atturi qeghdin jopponu l-hlas, principalment, skond ma xehdet l-attrici, billi qatt ma gew avzati li l-koncessjoni spiccat mal-mewt tal-abbonat li, kif intqal, kien impjegat tas-socjeta konvenuta. Li fid-dawl ta' dan u minghajr ma thoss li ghandha tikkonsidra ebda haga ohra l-Qorti; hi tal-fehma li s-socjeta konvenuta ghandha ragun. Ma jistghux l-atturi, fil-fehma ta' din il-Qorti, juzaw din l-azzjoni biex jaharbu r-responsabilitajiet taghhom jekk hekk huwa l-kaz. Dak li l-atturi qeghdin effettivament isaqsu huwa li l-Qorti tissancixxi indefinitivament il-mandat ta' inibizzjoni meta 'prima facie' ma jirrisultax li ghandhom dritt isostnu l-azzjoni taghhom.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi li tichad it-talbiet taghhom. L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghall-terz mis-socjeta konvenut u zewg terzi mill-atturi.

(ft) Antonio Micallef Trigona
MAGISTRAT

(ft) Maureen Xuereb
D/Registratur

Kopja Vera

Ghar-Registratur